EUROPEAN CAPITALS OF
INCLUSION AND DIVERSITY

**Nota ta’ Gwida għall-applikanti**

*Jekk jogħġbok aqra dawn il-linji gwida bir-reqqa qabel tibda timla l-formola tal-applikazzjoni. Hawnhekk tista’ ssib l-informazzjoni kollha meħtieġa li sejra tgħinek timla t-taqsimiet tal-formola tal-applikazzjoni b’mod korrett u li tiddeskrivi l-attivitajiet tiegħek b’suċċess.*

## INFORMAZZJONI BAŻIKA

**Lingwa: L-applikanti huma inkoraġġiti jissottomettu l-applikazzjoni bl-Ingliż**, biex jiffaċilitaw ir-reviżjoni tal-proposti u jgħaġġlu l-proċess tal-evalwazzjoni. Għandu jiġi nnotat, madanakollu, li proposti li jiġu sottomessi bi kwalunkwe **lingwa uffiċjali tal-UE** se tiġi aċċettata u tradotta permezz ta’ sistema ta’ traduzzjoni awtomatizzata.

**Mod ta’ kif jintbagħtu l-applikazzjonijiet:** permezz tal-għodda online.

**Data ta’ għeluq: 15 ta’ Frar 2023, 12.00 CET**

## KIF TIMLA L-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tiegħek għandha kemm jista’ jkun tkun ċara u preċiża sabiex l-esperti indipendenti u l-ġurija Ewropea jkunu jistgħu jevalwaw l-isforzi tiegħek fil-qasam tad-diversità u l-inklużjoni.

Kun ċert li **ppreżentajt b’mod ċar l-approċċ u l-istrateġija** tiegħek dwar id-diversità u l-inklużjoni u li semmejt fid-dettall l-**attivitajiet innovattivi** ewlenin li wassluk għas-suċċess f’dan il-qasam. Indika l-iskeda ta’ żmien tal-attivitajiet: meta tnedew, il-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom, u x’se jkunu l-iżviluppi futuri.

Jekk jogħġbok iffoka fuq **l-ispeċifitajiet, il-fatti u ċ-ċifri**. Agħti **eżempji**, inkludi **informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva**.

In-numru massimu ta’ karattri indikat disponibbli għal kull tweġiba jinkludi l-ispazji.

## A/ IDENTITÀ TAL-AWTORITÀ LOKALI

**Deskrizzjoni qasira tal-awtorità lokali tiegħek (raħal, belt jew reġjun)**

Hawnhekk inkludi xi informazzjoni bażika dwar l-awtorità lokali tiegħek, l-istorja, l-ekonomija u l-poplazzjoni tagħha, b'mod partikolari dawk l-aspetti tal-relevanza għad-diversità u l-inklużjoni. Speċifikament, ikun interessanti jekk tistabbilixxi stampa ta': l-isfidi li tiffaċċa l-awtorità lokali, bħal livelli ta' prosperità ekonomika jew ostakli infrastrutturali għall-aċċessibilità eċċ.; u d-diversità tal-popolazzjoni tal-awtorità lokali u bidliet riċenti f'dan ir-rigward, bħall-wasla ta' għadd kbir ta' migranti, jew it-tixjiħ tal-popolazzjoni, eċċ.

## B/ NATURA U AMBITU TAL-INIZJATTIVI

Jekk jogħġbok identifika inizjattivi ewlenin tad-diversità u l-inklużjoni li wettaqt jew qed twettaq. Dawn l-inizjattivi jistgħu jkunu biex: itejbu s-sitwazzjoni [1] u l-esperjenza[2] ta' gruppi speċifiċi esposti għad-diskriminazzjoni (fuq il-bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, u/jew l-identità LGBTIQ ); u/jew jindirizzaw il-bżonnijiet partikolari[3] ta' dawn il-gruppi.

Fejn possibbli, l-inizjattiva għandha turi approċċ komprensiv, u, fi ħdanha, approċċ intersezzjonali, u għandha tidentifika u ssegwi viżjoni ambizzjuża għall-futura u fl-approċċ tagħha għad-diversità u l-inkużjoni fl-awtorità lokali tiegħek.

Għal kull inizjattiva, inkludi:

- l-għanijiet, l-objettivi u l-linji ta' azzjoni tagħha;
- il-partijiet interessati involuti u l-benefiċjarji fil-mira;
- ir-riżorsi allokati; u
- id-data tal-bidu u tat-tmiem.

Fejn possibbli, kun espliċitu jekk l-inizjattivi jew il-politiki tiegħek huma mmirati lejn gruppi speċifiċi esposti għad-diskriminazzjoni (bbażat fuq is-sess, l-oriġini razjalil jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età jew l-identità LGBTIQ).

L-inizjattivi għandhom juru approċċ koerenti għad-diversità u l-inklużjoni f'diversi oqsma tal-politika mill-awtorità lokali, flimkien ma' viżjoni ambizzjuża għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni fl-awtorità lokali.

Sezzjoni B tal-formola tal-applikazzjoni tista' tintuża għal għanijiet promozzjonali (pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Premjijiet, f'fuljett, eċċ.) għaldaqstant kun ċar kemm jista' jkun fid-deskrizzjoni tiegħek.

## C/ SJIEDA/ LIVELL TA' IMPENN

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-approċċ ġenerali tiegħek għad-diversità u l-inklużjoni f'termini tal-istrateġija u l-politika ġenerali li timplimenta f'dan il-qasam, u l-istrutturi li jixprunaw l-implimentazzjoni tagħhom.

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-istrateġija u l-politika ġenerali dwar id-diversità u l-inklużjoni li qed jiġu implimentati fl-awtorità lokali tiegħek. Dan jista' jinkludi pereżempju:

---

[1] "Sitwazzjoni" tirreferi għal żvantaġġ esperjenzat minn dawn il-gruppi, kemm jekk ta' natura ekonomika, soċjali, politika jew kulturali.
[2] "Esperjenza" tirreferi għan-natura u l-kwalità tal-interazzjonijiet għal dawn il-gruppi mal-popolazzjoni usa' u ma' organizzazzjonijiet fis-setturi pubbliċi u privati.
[3] "Bżonnijiet partikolari" jirreferu għall-bżonnijiet li jinqalgħu għal dawn il-gruppi relatati mal-identità tagħhom u kif jagħżlu li jgħixu l-identità tagħhom skont ir-raġunijiet tagħhom.

- dikjarazzjonijiet ta' livell għoli dwar u impenn għad-diversità u l-inklużjoni;
- strateġija ddedikata għad-diversità u l-inklużjoni, jew l-inkorproazzjoni tad-diversità u l-inklużjoni fi ħdan qafas ta' strateġija jew politika għall-awtorità lokali;
- sistemi għall-integrazzjoni ta' enfasi fuq id-diversità u l-inklużjoni fil-politiki, programmi u regolamenti tiegħek;
- strutturi jew qafas għall-implimentazzjoni, koordinazzjoni u monitoraġġ ta' politiki u azzjonijiet tad-diversità u l-inklużjoni, bħall-istabbiliment ta' dipartiment jew kumitat wieħed jew aktar responsabbli għall-ingaġġ tal-atturi ewlenin involuti;
- inizjattivi biex tagħti t-tmexxija lil, u tinvolvi l-ispettru kollu tal-partijiet interessati mal-impenn tiegħek għad-diversità u l-inklużjoni, b'mod partikolari fis-settur privat;
- riżorsi u perunal allokat għall-istrateġiji u l-politiki tad-diversità u l-inklużjoni;
- mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għal dawn l-istrateġiji u l-politiki.

**D/ IMPATT**

Jekk jogħġbok inkludi data kwantitattiva u/jew kwalitattiva biex turi r-riżultati u l-impatt li nkiseb mill-inizjattiva tiegħek. Tista' tipprovdi links għad-dokumenti jew materjal awdjoviżiv (films jew stampi) li juru r-riżultati u tibdiliet miksuba permezz ta' KPIs.

Din l-evlawazzjoni tal-effettività u l-impatt għandha tirreferi għall-inizjattivi msemmija f'Sezzjoni B/ Natura u Ambitu tal-Inizjattivi.

1. **Kif l-inizjattiva(i) tiegħek itejbu is-sitwazzjoni u l-esperjenza tan-nies esposti għad-diskriminazzjoni (ibbażat fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u/jew l-orjentazzjoni sesswali, l-espressjoni tal-ġeneru u l-identità tal-ġeneru) u/jew indirizzaw il-bżonnijiet partikolari tagħhom mill-bidu tal-inizjattiva(i)?**

Jekk jogħġbok ipprovdi eżempji konkreti kif ukoll data kwalitattiva u kwantitattiva u agħti referenzi għal inizjattiva(i) speċifiċi.

2. **Dawn l-inizjattiva(i) kif jibbenefikaw il-poplazzjoni usa'?**

Jekk jogħġbok ipprovdi eżempji konkreti kif ukoll data kwalitattiva u kwantitattiva u agħti referenzi għal inizjattiva(i) speċifiċi.

**E/ KWALITÀ U SOSTENIBBILTÀ TAL-INIZJATTIVI**

1. **Kif tkejjel u tiżgura l-kwalità tal-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni?**

Ir-riżultati tad-diversità u l-inklużjoni huma definiti f'termini ta' titjib fil-kwalità tal-ħajja għall-gruppi esposti għad-diskriminazzjoni (ibbażat fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u/jew l-identità LGBTIQ) f'termini tas-stwazzjoni u l-esperjenzi tagħhom, u f'termini ta' kisbiet għall-popolazzjoni usa' li jakkumulaw b'riżultat ta' dan.

Jekk jogħġbok ippreżenta l-indikaturi u l-mekkaniżmi tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ stabbiliti fl-awtorità lokali tiegħek għal dawn l-inizjattivi. Tista' wkoll tindika jekk l-inizjattivi tiegħek humiex relatati jew allinjati ma' xi strateġiji nazzjonali u/jew Ewropej u l-konformità tagħhom ma' standards u leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropej.

2. **Kif tiżgura li s-sostenibbiltà tal-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni tiegħek tinżamm wara li**

**tintemm l-inizjattiva(i)?**

It-twassil ta' riżultati sostenibbli jinvolvi sforz kontinwu, mekkaniżmi biex tastratta u tapplika t-tagħlim mill-inizjattivi, u tiżgura l-investiment fi u r-riżorsi għall-manutenzjoni u l-bini fuq ir-riżultati miksuba.

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-passi li ħadt biex tiżgura s-sostenibilità tal-inizjattivi meħuda u r-riżultati miksuba.

**F/ INVOLVIMENT TA' NIES ESPOSTI GĦAD-DISKRIMINAZZJONI**

1. **L-involviment ta' nies esposti għad-diskriminazzjoni (ibbażat fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u/jew l-identità LGBTIQ) u l-organizzazzjonijiet tar-rappreżentanti, kif ukoll esperti tad-diversità, fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki tiegħek, u l-inizjativi tiegħek li jindirizzaw id-diversità u l-inklużjoni.**

Jekk jogħġbok iddeskrivi dan l-involviment billi tipprovdi eżempji.

Fejn possibbli, jekk jogħġbok inkludi kull link li tista' turi l-opinjonijiet ta' persuni minn dawn il-gruppi fuq l-istrateġiji tad-diversità u l-inklużjoni, politiki u inizjattivi tal-awtorità lokali tiegħek.

2. **Azzjonijiet biex tagħti r-riżorsi u tappoġġa dawn l-organizzazzjonijet tar-rappreżentanti u biex isostnu l-involviment effettiv fl-istrateġiji u l-politiki tiegħek u l-inizjattivi tiegħek li jindirizzaw id-diversità u l-inklużjoni.**

Jekk jogħġbok iddeskrivi tali azzjonijiet meħuda mill-awtorità lokali tiegħek billi tipprovdi eżempji.

**G/ GĦALIEX JIXIRQILHA DAN IL-PREMJU L-AWTORITÀ LOKALI TIEGĦEK?**

Jekk jogħġbok spjega għaliex l-approċċ tiegħek u r-riżultati tiegħek fir-rigward tal-inklużjoni u d-diversità huma innovattivi u sinifikanti u għaliex temmen li jixraqlek dan il-Premju. Jekk jogħġbok għid dak li l-belt tiegħek hija partikolarment kburija bih.

Inti tista' tindika dak li jiddistingwi l-istrateġiji, il-politiki u l-inizjattiva għad-diversità u l-inklużjoni tiegħek, u liema miżuri jistħoqqilhom b'mod speċjali jiġu promossi bħala eżempji tajbin għal awtoritatjiet lokali oħrajn.

**H/ PARTI OBBLIGATORJA għall-applikazzjonijiet għall-PREMJU SPEĊIFIKU GĦALL-UGWALJANZA TAL-PERSUNI LGBTIQ**

Jekk jogħġbok stabbilixxi l-viżjoni ġenerali tiegħek dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Roma**.**

1. **Jekk jogħġbok iddeskrivi l-istrateġija u l-politika ġenerali tiegħek għall-ugwaljanza, l-inkulżjoni u l-parteċipazzjoni tal-persuni LGBTIQ.** Dan jinkludi strateġiji speċifiċi, sistemi ta' integrazzjoni u strutturi istituzzjonali jiġu implimentati jew ippjanati li jiġu implimentati.
2. **Jekk jogħġbok iddeskrivi l-inizjattivi ewlenin speċifiċi għar-Roma meħuda mill-awtorità lokali tiegħek biex tavvanza l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tal-persuni LGBTIQ** billi ttejjeb is-sitwazzjoni u l-esperjenza tagħhom u tindirizza l-bżonnijiet partikolari tagħhom**.**
3. **Jekk jogħġbok iddeskrivi l-inizjattivi ewlenin speċifiċi għall-ugwaljanza bejn il-persuni LGBTIQ imwettqa mill-awtorità lokali tiegħek biex tavvanza l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-**

**parteċipazzjoni tal-persuni LGBTIQ** billi ttejjeb is-sitwazzjoni u l-esperjenza tagħhom u tindirizza l-ħtiġijiet partikolari tagħhom

4. Jekk jogħħbok spjega kif il-komunitajiet tal-persuni LGBTIQ u l-organizzazzjonijiet tar-rappreżentanti tagħhom kienu inklużi fid-disinn, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-istrateġija u l-politika tiegħek, u l-inizjattiva(i) ewlenin tiegħek.

Jekk jogħġbok agħti eżempji konkreti.

## I/ MATERJAL TA' APPOĠĠ – FAKULTATTIV

Barra mill-**informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni online u d-Dikjarazzjoni ta' unur, li huwa obbligatorju u għandu jiġi ffirmat u mtella' fil-formola tal-applikazzjoni**, inti mistieden ittella' preżentazzjoni PowerPoint b'10 slajds li tenfasizza u turi (eż. bi stampi) l-punti pożittivi tal-applikazzjoni tiegħek.

## J/ PERSUNA TA' KUNTATT, LINKS TAL-WEB U INDIRIZZ POSTALI

Hawnhekk ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt kollha meħtieġa għall-persuna fl-amministrazzjoni tiegħek responsabbli għal din l-applikazzjoni.

Jekk jogħġbok inkludi wkoll links għas-sit elettroniku tal-amministrazzjoni tiegħek, jekk disponibbli, għall-paġni speċifiċi dwar id-disabilità u l-inklużjoni.